15.11.2023 A9-0319/414

**Emenda 414**
**Massimiliano Salini**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) "riċiklaġġ ta' kwalità għolja" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru, kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (17) tad-Direttiva 2008/98/KE, li tiżgura li l-kwalità distinta tal-iskart miġbur u separat tiġi ppreżervata jew irkuprata matul dik l-operazzjoni ta' rkupru, sabiex il-materjali riċiklati li jirriżultaw ikunu ta' kwalità suffiċjenti biex jissostitwixxu l-materja prima primarja;*** |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/415

**Emenda 415**
**Massimiliano Salini**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jista' jiġi rriċiklat sabiex il-materja prima sekondarja li tirriżulta tkun ta' kwalità suffiċjenti biex tissostitwixxi ***l-materja*** prima primarja; | (d) jista' jiġi rriċiklat sabiex il-materja prima sekondarja li tirriżulta tkun ta' kwalità suffiċjenti biex tissostitwixxi ***materja*** prima primarja; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/416

**Emenda 416**
**Massimiliano Salini**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-imballaġġ għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-piż u l-volum tiegħu jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex ***tiġi żgurata l-funzjonalità*** tiegħu filwaqt li ***jitqies il-materjal*** li jkun magħmul minnu l-imballaġġ. | 1. ***Sal-1 ta' Jannar 2030,*** l-imballaġġ għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-piż u l-volum tiegħu jitnaqqsu għall-minimu meħtieġ biex ***jiġu żgurati l-funzjonijiet*** tiegħu***, kif elenkati fl-Anness IV, il-parti 1, u l-iskop tal-prodott,*** filwaqt li ***jitqiesu l-forma u l-materjal*** li jkun magħmul minnu l-imballaġġ. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/417

**Emenda 417**
**Massimiliano Salini**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jilħqu l-miri f'dan l-Artikolu, meta r-rata ta' riċiklaġġ tal-materjal tal-imballaġġ predominanti kif irrapportata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50(2), il-punt (c), jew meta r-rata ta' riċiklaġġ tal-formati tal-imballaġġ - bħal fliexken tal-PET jew laned tal-aluminju - tkun ogħla minn 85 % skont il-piż ta' tali imballaġġ imqiegħed fis-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru fis-sena kalendarja 2027 jew fi kwalunkwe sena kalendarja minn hemm 'il quddiem.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/418

**Emenda 418**
**Massimiliano Salini**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 58 dwar ir-rekwiżiti għat-tħejjija ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja biex tiġġustifika eżenzjoni skont dan l-Artikolu. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jilħqu l-miri f'dan l-Artikolu jekk l-użu mill-ġdid ma jkunx l-għażla li twassal l-aħjar eżitu ambjentali ġenerali abbażi ta' tali valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

15.11.2023 A9-0319/419

**Emenda 419**
**Massimiliano Salini**
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – Parti I – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Funzjonalità tal-imballaġġ: id-disinn tal-imballaġġ għandu jiżgura l-funzjonalità tiegħu, inklużi l-kriterji għall-aċċettazzjoni tal-prodott mill-konsumaturi. L-elementi tad-disinn meħtieġa biex jindikaw ir-rikonoxximent distintiv tal-prodott, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-oriġini skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu rrispettati.*** |

Or. en